***Worksheet* S6.4.1**
Nifhmu l-ħtieġa li tinbena belt ġdida u naraw għalfejn intgħażlet l-għolja Xiberras.

## A: IL-BŻONN LI TINBENA BELT ĠDIDA *(noti ta' Mario Debono u George Calleja)*



L-Assedju l-Kbir ħalla ħerba kbira fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir. Il-ħitan li kienu jiddefendu l-Birgu u l-Isla kienu mġarrfa. L-Ordni ftit kellha flus biex tidħol għall-bini ta' belt ġdida u barra minn dan ftit kien hemm suldati li setgħu jiddefendu din il-belt. Numru mhux ħażin ta' kavallieri riedu jitilqu mill-Gżejjer Maltin darba għal dejjem. Madankollu Jean de Valette ħadem kemm seta' biex jikkonvinċi lill-kavallieri ħalli jibqgħu Malta. Huwa talab l-għajnuna tal-Papa Piju V li bagħat lill-perit espert tiegħu Francesco Laparelli biex ifassal il-pjanta tal-belt il-ġdida.

Il-Gran Mastru kien jaf li t-Torok setgħu jerġgħu lura b'attakk ieħor fuq Malta mal-ewwel ċans li jkollhom u għalhekk minbarra għajnuna ta' flus talab ukoll lis-slaten Ewropej biex jibagħtulu suldati li jkunu jistgħu jiddefendu lill-bennejja u s-swar il-ġodda waqt xi attakk għall-għarrieda. Wara ħafna talb u anke theddid li l-kavallieri kienu se jitilqu minn Malta darba għal dejjem, ir-Re Filippu II ta' Spanja flimkien mal-Papa bagħtu 6000 suldat.

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**.

*"Bħall-kavallieri, il-Gran Mastru, ta' tnejn u sebgħin sena, ma kienx ċert dwar x'deċiżjonijiet kien se jieħu. Mingħajr għajnuna la setghu jirranġaw is-swar u wisq anqas jibnu belt ġdida. Mingħajr suldati biex jiddefendu l-ħaddiema kollox ikun mitluf jekk il-gżira kellha tkun attakkata bis-swar nofshom mibnijin."*

1. Min kien il-Gran Mastru li ma kienx jaf x’sa jaqbad jagħmel?

_______________________________________________________________

2. F’liema sena taħseb li ġara dan l-inkwiet?

_______________________________________________________________

3. Għalfejn kien hemm bżonn li jirranġaw is-swar?

_______________________________________________________________

4. Liema swar taħseb li kien hemm bżonn li jirranġaw?

_______________________________________________________________

5. Min taħseb li seta’ jattakka lil Malta?

_______________________________________________________________

6. Lil min talab biex jgħinu l-Gran Masrru?

_______________________________________________________________

7. Taħseb li kieku ma waslet l-ebda għajnuna, il-kavallieri kienu jibqgħu hawn Malta? Għaliex?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

**B: FEJN SER TINBENA L-BELT IL-BELT IL-ĠDIDA**

**Aqra u wieġeb.**

Il-post li ntgħażel għall-bini tal-belt il-ġdida kien fuq l-Għolja Xiberras. Din l-għolja kienet dejjem problema għall-bliet tal-Birgu u tal-Isla waqt l-Assedju l-Kbir billi minbarra li qiegħda qrib ħafna tagħhom, hija ogħla minnhom. Dan l-għoli kien vantaġġ għall-belt il-ġdida biex tinbena hemm. L-Għolja Xiberras kienet ukoll peniżola u għalhekk kellha l-vantaġġi li kienet tħares fuq il-portijiet il-kbar u li kienet imdawra bil-baħar ħlief għal naħa waħda. Dan żgur kien ser jgħin fid-difiża tal-belt il-ġdida. L-uniku żvantaġġ li kellha l-Għolja Xiberras kien li ma kellha l-ebda għajn tal-ilma ġieri li żgur kien ikun importanti għall-belt waqt xi assedju twil.

1. Fuq il-mappa, immarka permezz tal-ittra A fejn kien l-aħjar li tinbena l-Belt Valletta.




2. Agħti żewġ raġunijiet importanti għala l-belt il-ġdida kellha tinbena hemm.
   (a) ______________________________________
   ______________________________________
   ______________________________________
   (b) ______________________________________
   ______________________________________

3. Fuq l-istess mappa immarka fejn taħseb li kellhom jinbnew l-aktar swar b'saħħithom tal-belt permezz tal-ittra B.

4. Għalfejn taħseb li l-aktar swar b'saħħithom kellhom jinbnew hemmhekk?
   ______________________________________
   ______________________________________

5. Ikteb żewġ raġunijiet għaliex il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett kienu importanti ħafna għall-belt il-ġdida?
   (a) ______________________________________
   ______________________________________
   (b) ______________________________________
   ______________________________________